Il-ġimgħa li għaddiet saru diversi laqgħat ta' evalwazzjoni tal-festa li għaddiet u l-organizzazzjoni tas-sena pastorali l-ġdida li tibda minn Settembru li ġej. Flimkien mas-saċerdoti tal-parroċċa, mal-Kunsill Parrokkjali, u l-Kumitat tal-Festi Esterni, fost l-oħrajn iddeċidejna fuq it-tħejjijiet għall-festa tal-Pussess, u bdejna diskussjonijiet fuq il-live streaming tal-quddies, fuq l-użu aħjar tal-paġni soċjali fuq l-internet, fuq id-dinjità taċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, il-qari u l-animazzjoni liturġika, kif ukoll il-pjan tax-xogħol ta' manutenzjoni u restawr li se jkun qed isir fil-knisja tagħna fil-ġimgħat li ġejjin. Għalhekk matul dan is-sajf, ġimgħa ġimgħa sejjer ninfurmakom bid-diversi ħtiġijiet li jkollna bżonn inwettqu, ħalli nassiguraw il-kooperazzjoni ta' kulħadd.

Tajjeb tkunu tafu wkoll li matul dawn l-aħħar ġimagħtejn bil-għajnuna ta' diversi voluntiera li offrew xogħolhom u ħinhom mingħajr ebda ħlas, fl-uffiċċji parrokkjali tagħna sar xogħol ta' tisbiħ u ta' tqassim ġdid tal-ispazji. Dan sar sabiex inkunu nistgħu nilqgħu u naqdu aħjar lilkom il-parruċċani u lil kull min ikun jeħtieġ xi servizz mingħandna. Tħejjiet waiting area, bejn l-uffiċċju tal-Arċipriet u l-uffiċċji tal-amministrazzjoni, u nħoloq arkivju tal-parroċċa ġdid aktar sigur u spazjuż li jista' jservi għar-riċerka u għall-ħarsien ta' ħafna dokumenti storiċi.

*Dun Krystof*

### Jum in-nanniet u l-anzjani

Għar-raba' darba, nhar is-26 ta' Lulju, tifkira ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, se jiġi ċċelebrat il-jum dinji ddedikat mill-Papa Franġisku għan-nanniet u l-anzjani. F'din l-okkażjoni, l-Isqof Anton Teuma ser jiċċelebra Quddiesa li għaliha huma mistednin b'mod speċjali l-anzjani. Il-Quddiesa se ssir **nhar il-Ġimgħa 26 ta' Lulju, fis-7.00pm, id-Dwejra**, fl-area tal-parking, quddiem il-kappella ddedikata lil Sant'Anna.



Min jixtieq trasport nitolbukom tavżawna u tibbukkjaw fl-uffiċċju parrokkjali tagħna.

### Disponibilità tas-saċerdoti għall-qrar matul is-sajf



Għal dan iż-żmien tas-sajf għal diversi raġunijiet mhux ser ikollna konfessuri barranin għall-qrar ta' kull nhar ta' Erbgħa filgħaxija. Però aħna s-saċerdoti kollha tal-parroċċa qed inġeddu l-istedina tagħna biex **ma tiddejqux titolbuna l-qrar kull meta jkollkom bżonn**, qabel jew wara kull quddiesa li ssir fil-parroċċa tagħna. Inħeġġukom biex tfittxu aktar ta' spiss dan is-sagrament li jerġa' jħabbibna ma' Alla, magħna nfusna u ma' xulxin.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am